# L-Akkwakultura: 2023

NR224/2024 Data tal-Ħruġ: 26 ta' Novembru 2024

*Matul l-2023, il-produzzjoni tal-ħut kollu mrobbi mill-industrija tal-akkwakultura u tat-trobbija tat-tonn f'Malta naqset b'€119.3-il miljun, jew 37.4 fil-mija, għal €199.7 miljun.*



Iċ-ċensiment li jsir ta' kull sena fost l-entitajiet li joperaw fl-industrija lokali tal-akkwakultura u tat-trobbija tat-tonn wera li, matul l-2023, il-produzzjoni kollha ġġenerata u mibjugħa minn din l-attività ekonomika naqset b'€119.3-il miljun, jew 37.4 fil-mija, għal €199.7 miljun. Għall-kuntrarju ta' dan, il-konsum intermedju tal-industrija, li jirrappreżenta bosta mill-ispejjeż operattivi ewlenin li kellhom l-istess operaturi, tela' bi €28.5 miljun, jew 11.9 fil-mija, fuq l-ammont irreġistrat is-sena ta' qabel għal total ta' €266.8 miljun. L-effett magħqud ta' dawn iż-żewġ ċaqliqiet wassal biex il-valur miżjud gross tal-industrija naqas b'€147.8 miljun sabiex għalaq is-sena b'bilanċ negattiv ta' €67.1 miljun.

Id-deprezzament tal-assi fissi użati fil-ġenerazzjoni tad-dħul mill-industrija naqas b'€0.1 miljun, jew 1.2 fil-mija, għal total ta' €4.8 miljuni; filwaqt li n-nefqa sħiħa fuq il-pagi u s-salarji tal-impjegati tagħhom telgħat 'il fuq b'€0.7 miljun, jew 5.7 fil-mija, għal €12.3-il miljun. B'riżultat ta' dan, matul is-sena ta' riferenza, l-industrija rrappurtat defiċit operattiv nett ta' €84.3 miljun (Tabella nru 1, Ċarts nri 1 u 2).

## Ċart nru 1. Il-produzzjoni u l-konsum intermedju tal-industrija tal-akkwakultura

Miljuni ta' ewro




Nota: Id-differenza bejn il-linji turi l-valur miżjud gross.

## Ċart nru 2. It-taqsim perċentwali ta' produzzjoni tal-akkwakultura magħżula




Nota: Minħabba t-totali li jvarjaw, it-tibdil fl-istokks huma esklużi mill-produzzjoni aggregata.

Fejn għandu x'jaqsam il-piż tal-ħut imrobbi, il-kwantità kollha tal-ħut telgħat b'2.8 miljuni kilogrammi, jew 15.4 fil-mija, biex b'kollox laħaq l-20.8 miljun kilogramma. Fil-fatt, din iż-żieda kienet ir-riżultat ta' volum ogħla ta' tonn imrobbi ta' 2.8 miljuni kilogrammi li kkumpensat għalkollox għat-tnaqqis ċkejken irreġistrat fl-ispeċijiet ta' ħut imrobbijin b'ċiklu magħluq. Madankollu, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, il-valur kollu tal-ħut imrobbi mibjugħ niżel b'€121.3 miljun, jew 37.9 fil-mija, għaċ-ċifra ta' €199.1 miljun (Tabella nru 2, Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. It-taqsim tal-bejgħ bl-ispeċi tal-ħut u s-sena




Rigward l-ispejjeż li ġarrbet industrija, ix-xiri ta' tonn ħaj u ħut ieħor għat-trobbija żdiedu b'€21.8 miljun, jew 16.6 fil-mija, sabiex laħqu l-€152.7 miljun. Fil-fatt, meta mqabbla mar-rata ta' 54.9 fil-mija rreġistrata fl-2022, din l-aħħar spiża kibret għal 57.2 fil-mija tal-konsum intermedju kollu milħuq mill-industrija fl-2023. Barra minn hekk, l-ispejjeż varjabbli tal-produzzjoni żdiedu b'14.6 fil-mija għal €87.5 miljun, filwaqt li l-ispejjeż tal-bejgħ u l-ispejjeż ġenerali tal-industrija niżlu bi 18.9 fil-mija u bi 13.4 fil-mija għal total ta' €4.6 miljuni u €22.0 miljun rispettivament (Tabella nru 3, Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. It-taqsim tal-konsum intermedju bit-tip u s-sena

